MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2004

Numru 825/2003

Il-Pulizija
(Sp Mario Tonna)
vs
Mario Muliett, iben Louis,
imwieled l-Imtarfa fil-11 ta'
ġunju, 1969

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fil-21 ta' settembru, 2003 bejn is-7.30 a.m. u
id-9.00 a.m. ikkometta serq ta' flus mill-fond magħruf bħala 'Ryan's Irish Pub', Triq Wied Għomor, San Ġiljan għad-dannu ta' Pierre Bartolo liema serq hu aggravat bil-valur u bil-persuna.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tal-5 ta' marzu, 2004 fejn ta

l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' marzu, 2004 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti
li l-ammont misruq jammonta għal Lm1,630 u dawn il-flus ġew kollha ritornati
lid-derubat mill-imputat.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' marzu, 2004 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(ċ)(d), 267, 268(a), 279(b) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446
tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------